II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Diċembru 2007

dwar għajnuna mill-Istat rigward kumpens skond id-digriet dwar id-demel (C 12/1999)

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6777)

(Il-verżjonijiet bil-Franċiż u bl-Olandiż biss huma awtentiċi)

(2008/138/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati biex jibagħtu l-kummenti tagħhom skond id-dispożizzjoni(jiet) ċitata/i hawn fuq [1],

Billi:

I. **PROĊEDURA**

(1) Permezz ta' l-ittra tat-3 ta' Lulju 1998, l-awtoritajiet Belġjani nnotifikaw l-għajnuna msemmija hawn fuq skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE

(2) Permezz ta' ittra Nru SG-Greffe (1999) D/2211 tas-26 ta' Marzu 1999, il-Kummissjoni fetħet il-proċedura formali ta' investigazzjoni skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE. Sussegwentament il-Belġju esprima kummenti bl-ittra tat-28 ta' April 1999.

(3) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand partijiet interessati. Baġtithom lill-Belġju b' ittra tat-30 ta' Ġunju 1999, fejn ingħata opportunità jirreaġixxi. L-awtoritajiet Belġjani bagħtu lill-Kummissjoni informazzjoni addizzjonali permezz ta' ittri ta' l-1 ta' Ġunju 1999, is-27 ta' Ġunju 2000 u t-23 ta' Lulju 2001.

(4) Permezz ta' ittra tat-12 ta' Marzu 2007, il-Belġju informa lill-Kummissjoni li kien ser jirtira l-miżura notifikata. F'din l-ittra l-Belġju kkonferma li l-għajnuna ma kinetx tħallset.

II. **KONKLUŻJONI**

(5) Il-Kummissjoni kienet għadha ma ħaditx kwalunkwe deċiżjoni formali dwar in-notifika in kwistjoni, sad-data ta' meta rċeviet it-talba ta' l-irtirar mill-Belġju. F'dawn iċ-ċirkustanzi, taċċetta l-irtirar tan-notifika fl-ambitu ta' l-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/99 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE [2].

(6) Il-proċedura formali ta' investigazzjoni għalhekk għandha tingħalaq skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 għaliex issa hija superfluwa.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċedura formali ta' investigazzjoni dwar għajnuna għall-kumpens skond id-digriet dwar id-demel qiegħda hawnhekk tingħalaq skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999.

[1] ĠU C 129, 8.5.1999, p.2.

[2] ĠU L 83, 27.3.1999 p.1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Belġju.

Magħmula fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni